# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-26 ta' Novembru 2019**

Appell numru 416 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Mario CIAPPARA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Ottubru 2017 fil-konfront ta' Mario CIAPPARA, karta tal-identità bin-numru 445671M fejn ġie mixli:

   Talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' Watson's Holidays Limited (C 42841) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fis-6 ta' Marzu 2016 gewwa The Warson's Pub li jinsab fi Triq Frigu, Qawra rrizulta li jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuti fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet

specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skond il-kumpens lilu mhallas, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 tat-Tlettax -il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u l-artikoli 51 u 77(a) u (e), 81 u 82 ta' l-istess Att.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, semgħet ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni, inkluż dik ta' Shania Zahra, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), u 82 kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Ewro (€800).

3. Illi minn din is-sentenza Mario CIAPPARA interpona appell permezz ta' rikors datat 27 t'Ottubru 2017 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi mħassra wara li saħaq (in suċċint) is-segwenti: -

a. Il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-Liġi b'mod ħażin meta naqset mill-tagħmel apprezzament sħiħ tal-fatti fejn irriżulta li l-appellant ma kienx preżenti fuq il-post fid-data u ħin li fihom jinsab akkużat;
b. Illi l-appellant kien ħa l-miżuri kollha neċessarji biex jassigura ottemperanza mal-Liġi u dan billi fl-istabbiliment in kwistjoni kellu cash register fiskali kif titlob il-Liġi u li kienet in good working order;
c. Illi fil-konfront tiegħu kien hemm raġuni għaliex il-Qorti tal-Maġistrati kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi għal dak li jirrigwarda l-fattispeċi ta' dan il-każ jirriżulta illi nhar is-6 ta' Marzu 2016, l-ispetturi mid-Dipartiment tal-VAT għamlu spezzjoni fil-ħanut *The Watson's Pub* sitwat fl-indirizz Euro Club Hotel, Triq il-Fliegu, l-Qawra, fejn hemmhekk kien hemm l-impjegata Shana Zahra. Dan l-istabbiliment huwa reġistrat fuq isem l-appellant Mario Ciappara bħala direttur ta' Watson's Holidays Limited li tiġġestixxi l-Hotel u l-Bar.[1]

5. Matul din l-ispezzjoni, skond ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni l-Ispetturi Amanda Micallef u Adrian Bonello ġie nnutat illi fil-ħanut kien hemm *fiscal cash register*, li skont Amanda Micallef meta daħlu huma **<u>din kienet miftuħa</u>**. Dawn ix-xiehda jaqblu li huma identifikaw ruħhom mill-ewwel ma' Shana Zahra li kienet qegħda taqdi lin-nies wara l-*counter*. Huma talbuha *X reading* iżda din ma kienetx taf kif toħroġha u meta l-Ispetturi qalulha biex tmur tistaqsi lil xi ħadd biex jgħidilha kif għandha toħroġha, din wieġbithom li kienet sejra tistaqsi lil missierha! Biss ftit ħin wara rritornat lura tgħidilhom li ma kienx hemm. Talbuha toħroġ riċevuta ta' għaxar ċenteżmi u hija għamlet dan. Hija għamlet dan skont riċevuta eżebita fil-busta a fol 19 u markata X bil-linka mill-Qorti stess. Din hija datata 6 ta' Marzu 2016 fil-11:28.

6. Wara kien hemm klijent u ħallewha taqdih. Rawha tagħmel bejgħ ta' flixkun birra, taha l-flus, daħlithom fil-*cash register*, iżda

[1] Ara wkoll id-dokumenti eżebiti a fol 9 sa 23, nonche x-xiehda ta' Paul Scicluna.

minkejja li qalulha li huma Spetturi tal-VAT u l-bejgħ sar fil-preżenza tagħhom, hija xorta waħda ma ħarġitx riċevuta fiskali mill-*cash register*. B'hekk ordnawlha toħroġ riċevuta tal-bejgħ tal-flixkun birra, li kien jiswa' ħames euro. Zahra għamlet dan kif muri skont riċevuta eżebita fil-busta a fol 19 u markata Y bil-linka mill-Qorti stess. Din hija datata 6 ta' Marzu 2016 fil-11:30. Għalkemm Zahra qalet li ma kienetx taf toħroġ *X reading*, irriżulta li hija kienet taf kif toħroġ riċevuti fiskali mill-*cash register*.

7. Minn naħa tagħha Shana Zahra tixhed li kienet preżenti meta kienu għamlu spezzjoni żewġ spetturi tal-VAT dakinhar tal-imputazzjoni. Hija tgħid li kienet qegħda taqdi raġel Ingliż li xtara flixkun birra u li minn naħa tagħha ippanċjat il-bejgħ fil-*cash register*, ħarġet l-iriċevuta iżda minflok tagħtha lill-klijent għażlet li ma ttihilux. Hi tgħid li Mario CIAPPARA ma kienx hemmhekk dakinhar u li dan kien zijuha. Missierha kien Alfred Zahra li ġieli kien ikun hemm, iżda dakinhar ma kienx hemm.

8. Shana Zahra tgħid li hija tkelmet mal-Ispetturi tal-VAT **<u>wara</u>** li hija qdiet lil dan ir-raġel li xtara l-flixkun birra. Tixhed li ma kienetx taf għaliex għalkemm kienet ħarġet l-irċevuta għall-bejgħ tal-flixkun birra, xorta waħda għażlet li ma tagħtix l-irċevuta lil dan ir-raġel Ingliż, u minflok remietha. Konfrontata mill-Uffiċjal Prosekutur li hija kienet xehdet b'mod differenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, din ix-xhud wieġbet li ma kienetx taf li għamlet hekk. Hija baqgħet tinsisti li l-Ispetturi tal-VAT kelmuha wara li hija kienet qdiet lil dan il-klijent ingliż. Konfrontata bl-irċevuta tal-ħames euro din ix-

xhud tgħid li ma kienetx għarfitha, għalkemm kienet għarfet l-irċevuta tal-għaxar ċenteżmi u baqgħet tinsisti li kienet tiftakar li ħarġet l-irċevuta tal-għaxar ċenteżmi iżda mhux dik tal-ħames euro. Skontha, il-birra kienet tiswa żewġ euro u nofs!

***Ikkunsidrat***: -

9. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] fejn intqal:-

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

10. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[3]

11. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-

---

directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

12. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

13. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

14. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[5]

15. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib,*** 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Hili,*** 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter,*** 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa,*** 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak,*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed,*** 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino,*** 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,*** 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi,*** 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs. Andrew George Stone,*** 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo,*** 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs. Maurice Saliba,*** 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar,*** 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et,*** 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et,*** 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs. Simon Paris,*** 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace,*** 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit,*** 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

16.Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[6]

17.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne,***[7]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

---

[6] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

*Ikkunsidrat : -*

18. Illi l-appellant jinstab mixli taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta kif ġej:

> 51. Kull persuna li tagħmel xi provvista, ħlief għal provvista eżenti bla kreditu jew ħlief għal provvista li dwarha hija meħtieġa li tinħareġ fattura ta' taxxa skont l-artikolu 50, għandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, riċevuta jew dokument ieħor li għandu jinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda.

19. Il-partijiet l-aktar rilevanti għal dan il-każ huma s-segwenti :

> F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor–
> "*cash register fiskali*" tfisser cash register li jkun jikkonforma mal-ħtiġietspeċifikati fil-partita 13 ta' din l-Iskeda;
> "*fiscal taxi meter*" tfisser meter li jkun jikkonforma mal-ħtiġiet speċifikati fil-partita 14 ta' din l-Iskeda;
> "*riċevuta fiskali*" tfisser riċevuta jew fattura maħruġa f'għamla provduta jewapprovata bil-miktub mill-Kummissarju jew li tkun maħruġa b'mod kif jista' jkunapprovat mill-Kummissarju u li jkun fiha t-tagħrif u d-dettalji kollha meħtieġa, jewriċevuta maħruġa permezz ta' *cash register* fiskali, jew riċevuta maħruġa permezzta' *fiscal taxi meter*.

20. In oltre it-tieni parti tirregola l-obbligu tal-ħruġ tar-riċevuta.

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, kull persuna li tagħmel provvista ħlief għal provvista eżenti bla kreditu għandha, ħlief meta tenħtieġ li toħroġ fattura ta' taxxa għar-rigward ta' dik il-provvista, toħroġ riċevuta fiskali skont din l-Iskeda għall-kumpens lilha mħallas għal dik il-provvista, u dik ir-riċevuta fiskali għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar il-ħlas, tinħareġ u tingħata lill-persuna li tkun

għamlet il-ħlas jew lill-persuna li tkun irċeviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu ta' dak il-ħlas:

Iżda dwar provvista li għaliha ma jsir ebda ħlas iżda li titqies li tkunmagħmula bi ħlas skont it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ir-riċevuta fiskaligħandha tinħareġ fid-data li fiha ssir dik il-provvista.

21. Hemm ukoll imsemmi meta riċevuta għandha tinħareġ minn *cash register* fiskali : -

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-partiti 4, 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, riċevuta fiskali li tinħareġ minn persuna li tkun bejjiegħa bl-imnut jew li n-negozju tagħha jinkludi provvisti ta' ikel imsemmija fil-partita 2 tat-Taqsima Ħamsa tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tinħareġ permezz ta' *cash register* fiskali:

iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista' għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali, hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju:

Iżda, għal fini ta' dan il-paragrafu, bejjiegħ bl-imnut ma jinkludix persuna involuta fit-tqassim ta' oġġetti ordnati minn qabel.

(3) Għall-għanijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' din il-partita, dan li ġej magħandux jitqies bħala raġuni valida:
(a) li wieħed ma jkollux *cash register* fiskali jew taxi meter fiskali;
(b) li wieħed ma jkollux il-kartolerija jew materjal ieħor meħtieġ biexjitħaddem il-*cash register* fiskali jew taxi meter fiskali;
(ċ) difetti fit-tħaddim ta' *cash register* fiskali jew taxi meter fiskali ħlief meta jkunu ttieħdu miżuri ta' malajr u raġonevoli biex dawk id-difetti jkunu jistgħu jitranġaw.

22. Finalment l-għaxar parti tal-iskeda titratta l-konteġġi li jridu jinżammu minn min ikun qed jagħmel użu minn għamla ta' riċevuta fiskali skond kif awtorizzat mill-Kummissarju kif ukoll ir-riperkussjonijiet fin-nuqqas ta' tali konteġġi :

10. (1) Kull persuna li tiġi provduta b'għamla ta' riċevuti fiskali mill-Kummissarju għandha tagħti kont ta' kull għamla bħal dik billi żżomm għandha utkun tista' tipproduċi meta l-Kummissarju hekk jeħtieġ, kull

għamla mhux użata, ubilli żżomm kopja waħda u tipproduċi lill-Kummissarju l-kopja l-oħra ta' kullriċevuta maħruġa fuq tali għamla u ta' kull għamla mħassra.

(2) Il-kopji ta' kull għamla użata jew imħassra ta' riċevuti fiskali provduti mill-Kummissarju għandhom jingħataw lill-Kummissarju kemm jista' jkun malajr wara lil-ktejjeb jew għamla oħra ta' legar li fiha jkunu ġew provduti r-riċevuti fiskali jkununħlew jew f'dik id-data l-oħra li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(3) Kull persuna li toħroġ riċevuti fiskali f'għamla approvata mill-Kummissarjujew li jkunu maħruġa b'mod kif jista' jkun approvat mill-Kummissarju, għandhatagħti kont għal dawk l-irċevuti kollha b'dak il-mod li jiġi mitlub mill-Kummissarjuu għal dan il-għan il-Kummissarju jista' jagħti dawk id-direzzjonijiet dwar l-ipproċessar, reġistrar u ħażna u t-tagħrif li għandu jingħata fihom, kif jidhirlu xieraq.

(4) Kull persuna li tonqos milli tagħti kont għal riċevuta fiskali bil-modpreskritt f'din il-partita għandha titqies, kemm-il darba ma tinġiebx prova kontrarja,li tkun naqset lil tagħti kont għal provvista taxxabbli.

23. In oltre l-artikolu 77 jirregola l-piena applikabbli għal-diversi ksur taħt dan l-att fosthom dak pertinenti għal dan il-każ fejn jirriżulta illi:

Kull persuna li –

(a) xjentement tonqos li tagħti kont għal xi attività taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarju mwettqaminnha fir-records, dokumenti u kontijiet meħtieġa b'dan l-Att jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħatiegħu;

(e) tonqos milli tagħti jew tipproduċi fattura ta' taxxa jewfattura oħra jew dokument kif u meta meħtieġ bl-artikolu 50, 51 jew 52 jew tagħti fattura ta' taxxa jewfattura oħra jew dokument li jkunu mhux korretti jewqarrieqa f'xi rigward materjali jew tonqos millitipprovdi lill-Kummissarju, mingħajr ebda raġunivalida, il-kopji kollha ta' kull riċevuta fiskali manwalikemm użata kif ukoll mhux użata meta jkunu meħtieġamill-Kummissarju;

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja –

(ii) multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500)

u, b'żieda ma' dan, għal kull reat kif hawn fuq imsemmi fil-paragrafi kollha, ħlief għall-paragrafu (p), fejn ikun hemm taxxa litammonta għal aktar minn mitt euro (€100) ipperikolata, multaaddizzjonali ta' darbtejn it-taxxa perikolata, jew priġunerija għalżmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dawk il-multi upriġunerija flimkien:Iżda l-multa għal darbtejn it-taxxa perikolata fl-ebda każma tkun anqas minn elf euro (€1,000).Barra minn dan, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-qortigħandha tordna lill-ħati biex josserva l-liġi f'perjodu ta' żmien lijkun suffiċjenti għal dak il-għan iżda f'kull każ li ma jeċċedixxahar, u fin-nuqqas, il-ħati jeħel il-ħlas ta' multa oħra ta' ħames euro(€5) għal kull ġurnata li jkompli dak in-nuqqas wara li jiskadi l-perjodu ffissat mill-Qorti.

24. Finalment l-akkuża miġjuba ssib ukoll referenza għall-artikolu 81 li jittratta il-pieni għar-reati ġenerali kommessi taħt dan l-Att jew taħt ir-Regolamenti li jaqgħu taħt l-istess Att

81.Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja teħel, kemm-ildarba ir-reat ma jkunx suġġett għal piena ogħla taħt xidispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, multa ta' mhuxinqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u mhux iżjed minn elf umitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjedminn tlett xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

25. Filwaqt li l-artikolu 82 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijet ta' Malta jgħid is-segwenti :-

82(1) B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kullobbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssirjew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta'din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkunsaret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjalprinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, managerjew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwama kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiexiżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

(2) Meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq tal-impieg tiegħu, jew minn persuna li tkun qed taġixxi għan-nom ta' dik il-

> persuna reġistrata, sew jekk dik il-persuna l-oħra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna oħra innifisha kif ukoll mill-prinċipal tagħhom jew persuna reġistrata: iżda dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

26. Il-ħruġ ta' riċevuti mill-appellant, fin-natura tan-negozju tiegħu, huwa obbligatorju u jrid dejjem isegwi d-dettami ta' dan l-Att. Kull eċċezzjoni għar-regola prinċipali dwar kif għandhom jinħarġu l-irċevuti jridu dejjem trid tkun bir-rikonoxximent u approvazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi.

***Ikkunsidrat***:

27. Illi l-fatti l-aktar saljenti ta' dan il-każ mhumiex qed jiġu kkontestati mill-appellant. Il-lanjanza tal-appellant titratta l-fatt illi huwa jsostni li kien applikabbli fil-konfront tiegħu l-artikolu 82 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jtenni li f'dan il-każ verament kien hemm nuqqas kommess mill-impjegata tiegħu fit-twettiq tal-impieg tagħha. Iżda huwa bħala l-prinċipal jew persuna reġistrata ma jistax jiġi ritenut ħati tar-reat de quo in kwantu

(i) il-provi tal-Prosekuzzjoni stess jippruvaw li huwa ma kienx fuq il-post;

(ii) ma kienx jaf b'dak li għamlet l-impjegata tiegħu;

(iii) ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas; u

(iv) li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

***Ikkunsidrat : -***

28. Illi din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta fl-evalwazzjoni u apprezzament tal-provi imresqa quddiemha. Bħal Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti tqis ix-xiehda ta' Shana Zahra bħala li hija, fl-aħjar ipoteżi, inattendibbli. Hija meruta mhux biss mix-xiehda tal-Ispetturi tal-VAT, iżda anke mill-irċevuti infushom eżebiti a fol 19.

Għalkemm verament il-provi tal-Prosekuzzjoni stess jippruvaw li l-appellant ma kienx fuq il-post meta saret l-ispezzjoni u għalhekk setgħa verament ma kienx jaf b'dak li għamlet l-impjegata tiegħu, mill-banda l-oħra ma jistax jingħad li bis-sempliċi fatt li huwa kellu *fiscal cash register* installat fil-ħanut u li dan kien jaħdem perfettament, huwa qeda' l-obbligi legali tiegħu. Ġie soddisfaċentement ippruvat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li Shana Zahra ma kellhiex l-għarfien suffiċjenti kif tħaddem **<u>sew</u>** il-*fiscal cash register*. Fl-aħjar ipoteżi għaliha, hija ma kellhiex taħriġ suffiċjenti biex tkun tista' taqdi d-dmirijiet tagħha ma dan il-*fiscal cash register*. Din il-Qorti mhix ser tinoltra ruħha ulterjorment dwar il-kapaċitajiet ta' din il-persuna f'dak il-kuntest in kwantu ma għandhiex għarfien suffiċjenti tal-persuna involuta. Iżda *ictu oculi* kien jidher lil din il-Qorti li l-appellant setgħa b'diliġenza

raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas li din l-impjegata kienet tista' tagħmel minħabba d-diffikultajiet li jidhru fl-imġieba ta' din ix-xhud. Anzi huwa kien fid-dmir li meta jiġi biex jimpjega lil xi ħadd ried jara li jkun kompetenti biżżejjed. B'hekk ma jistax jingħad li l-appellant għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

Minbarra dan, għalkemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-imputat appellant kellu kull dritt li ma jitkellimx u li ma jressaqx provi, u li huwa setgħa jislet kwalunkwe argument in difesa tiegħu innifsu mill-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni jew minn nuqqas tagħhom, mill-banda l-oħra, huwa minnu wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati li filwaqt li l-istess proviso tal-artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta jixħet l-oneru tal-prova fuq

> dak il-prinċipal jew persuna reġistrata ma jkunx ħati ta' reat taħt dan is-subartikolu jekk iġib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.

29.Illi minn naħa tiegħu l-appellant għażel li, kif kellu dritt jagħmel, ma jixhedx u ma jressaqx provi in sostenn għall-applikabbilta' ta' dan il-proviso fil-konfront tiegħu.

30.Għalhekk kwantu għall-analiżi magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-applikabbilita o meno tal-proviso tal-artikolu 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ in disamina, din il-Qorti jidhrilha li anke hawn il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment

u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni tagħha li rritenietu inapplikabbli.

31. Illi kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-piena imposta din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati imponiet piena li kienet fil-parametri li tipprovdi l-Liġi. Meta l-Qorti tal-Maġistrati imponiet din il-piena hija ma kkommettiet ebda żball fil-prinċipju jew inkella imponiet piena li kienet manifestament eċċessiva. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax tvarja d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiċħad l-appell u tikkonferma sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***